**1 ta' Frar, 1990**

**Imħallef: -**

**Onor. Prof. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Victor Galea

*versus*

Rose Marie Bondin *et*

**Funeral - Eżekutur Testamentarju**

*Il-konvenuti taw lill-attur l-inkarigu għall-funeral. Huma jippretendu li dan għamluh għan-nom ta' l-eżekutur testamentarju. Galadarba kienu ż-żewġ konvenuti Bondin li tawh l-inkarigu għall-funeral huwa għandhom jirrispondu għad-dejn fil-konfront ta' l-attur. L-attur ma kienx obbligat u lanqas ma kien aċċetta li jfittex lill-eżekutur testamentari ta' min kien ikkomissjonah. Fir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuta Bondin u ħutha mbagħad id-dejn jinqasam bejniethom kollha indaqs jew skond kif huwa ordnat fit-testment.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-13 ta' Novembru, 1984, li biha Victor Galea wara li ppremetta:

Illi huwa kien ġie kkummissjonat mill-konvenuti Rose Marie u Dante miżżewġin Bondin biex jorganizza l-funeral ta' Consiglia Attard, omm il-konvenuta;

Illi għal dawn is-servizzi l-attur hu kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira (Lm236) skond kif dettaljat fil-kont (Dok. A) li jikkomprendi spejjeż inkorsi, oġġetti pprovduti u l-ħlas ta' xogħol biex l-attur qeda l-inkariku lilu mogħti;

U illi għalkemm interpellati għall-pagament, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Talab li din il-Qorti tikkundanna l-konvenuti solidalment bejniethom li jħallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira (Lm236) għas-saldu ta' spejjeż *inkorsi minnu u ħlas dovut* lill-attur biex jorganizza l-funeral ta' Consiglia Attard fuq inkariku tal-konvenuti;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta'

Novembru 1983 u bl-imgħaxijiet skond il-liġi min-notifika ta' dan l-att kontra l-konvenuti mil-lum inġunti għas-subizzjoni;

Rat *in-nota ta'* l-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-14 ta' Diċembru, 1984 li fiha l-konvenuti qalu:

1. Illi għalkemm mhux kontestat illi huma kkumissjonaw lill-attur biex jorganizza l-funeral ta' Consiglia Attard omm il-konvenuta, dan għamluh fuq inkarigu ta' Edward Attard, esekutur testamentarju ta' *l-imsemmija mejta Consiglia Attard*, li inoltre għandha tmien eredi oħra barra mill-konvenuta Rose Marie Bondin u l-esekutur Edward Attard, u għalhekk l-esekutur kif ukoll l-eredi l-oħra għandhom jiġu kjamati fil-kawża, u dan a spejjeż ta' l-istess attur li kien informat bil-fatti ferm qabel il-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni;

2. Fil-mertu, il-konvenuti jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' April, 1986, li bih ġew imsejħin fil-kawża Edward Attard, personalment u fil-kwalità ta' l-esekutur ta' Consiglia Attard u prokuratur ta' l-eredi inseriti Louis Attard u Francis Attard, Antonia neè Nina Cuschieri mart Joseph, Joseph Attard, Roger Attard, Salvu Attard, John Attard, Mary Mercieca mart *Anthony*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-16 ta' Mejju li fiha l-imsejħin fil-kawża qalu:

Li biha jeċċepixxu illi huma m'għandhom ebda relazzjoni ma' l-attur li, kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu stess, kien ġie kkommissjonat mill-konvenuti Rose Marie u Dante konjugi Bondin. Għalhekk, fil-konfront tagħhom, it-talba ta' l-attur għandha tiġi respinta, bl-ispejjeż, salv kwalunkwe regress li jista' jikkompeti lill-konvenuti kontra l-eċċipjenti *"si et quatenus"*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

*Omissis;*

Illi mill-provi li tressqu joħroġ illi f'Settembru, 1983 mietet Consiglia Attard, *omm* il-konvenuta u d-disa' persuni msejħin fil-kawża, fost dawna t-tfal hemm Edward Attard, l-esekutur testamentarju tagħha, li dak in-nhar tal-mewt ta' ommu inzerta li kien imsiefer;

Il-konvenuti Rose Marie u Dante miżżewġin Bondin bagħtu għall-attur id-dar tiegħu, u kkomissjonawh biex jieħu ħsieb il-funeral ta' Consiglia Attard u li jara li l-kadavru tagħha jiġi bbalzmat ħalli jibqa' fi stat tajjeb sa ma jasal lura Malta l-istess Edward Attard u allura ssir id-difna;

Il-konvenuti talbu li jiġu msejħin fil-kawża l-istess Edward Attard, l-esekutur testamentarju, u l-aħwa l-oħra kollha ulied Consiglia Attard, l-attur ma opponiex it-talba u allura l-kjamata tagħhom fil-kawża ġiet ordnata mill-Qorti;

L-attur ma ġiex imħallas mill-konvenuti u allura bagħatilhom il-kont għas-servizz tiegħu u dawna mbagħad

infurmawh illi l-konvenut kellu jieħu ħsiebu Edward Attard peress illi dan kien l-esekutur testamentarju, Edward Attard irrifjuta li jħallas għax ippretenda li l-konvenut kellu jitħallas mill-konvenuti Bondin għaliex kienu huma li qabbdu lill-attur;

Għalhekk l-attur kien kostrett li jiftaħ din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti hija sodisfatta illi l-attur ħaqqu l-ammont minnu mitlub fiċ-ċitazzjoni; ġa la darba kienu ż-żewġ konvenuti Bondin li tawh l-inkariku għall-funeral huma għandhom jirrispondu għad-dejn fil-konfront ta' l-attur; fir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuta Rose Marie Bondin u ħutha, imbagħad, id-dejn jinqasam bejniethom kollha indaqs jew skond kif huwa ordnat fit-testment ta' l-imsemmija Consiglia Attard (tesment li l-kontenut tiegħu ma ġiex ippruvat fil-Qorti);

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ma kienx obbligat u lanqas ma kien aċċetta li jfittex lill-esekutur testamentarju ad esklużjoni ta' min kien ikkommissjonah; il-kommissjoni ma kinetx saret għan-nom ta' l-aħwa kollha eredi ta' Consiglia Attard, u wsiq anqas għan-nom ta' Edward Attard fil-kwalità tiegħu ta' esekutur testamentarju ta' ommu, kwalità li lanqas biss kien jaf biha meta aċċetta li jagħti s-servizzi tiegħu ta' kommissjonant l-istess attur. Bil-ftehim maż-żewġ konvenuti ġiet maħluqa rabta bejniethom illi l-attur jieħu ħsieb il-funeral u l-konvenuti jħallsuh dak li ħaqqu;

It-talba ta' l-attur hija bbażata fuq dana l-ftehim u għalhekk hija ġustifikata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenuti Rose Marie u Dante miżżewġin Bondin iħallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija (Lm236.00,0) bl-interessi legali dekorribili *mid-data tan-notifikat ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta'* Novembru, 1983 u bl-ispejjeż tal-kawża; fir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuta Rose Marie Bondin u l-kjamati in kawża s-sorti, interessi u spejjeż jinqasmu egwalment bejniethom, jekk kemm-il darba t-testment ta' ommhom Consiglia Attard ma jiddisponix mod ieħor.